# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar, 2025.**

**Numru 22**

**Rikors numru 674/19/1 FDP**

**Simon Abela**

**v.**

**Alexander Mifsud**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Alexander Mifsud minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Lulju 2021 fejn *inter alia* l-Qorti ddikjarat illi l-konvenut Alexander Mifsud huwa responsabbli għall-inċident li seħħ fit-18 ta' Diċembru 2017 fin-Naxxar. *Di piu'* il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili llikwidat id-danni sofferti fl-ammont ta' tnax-il elf, sebgħa mija u għoxrin ewro (€12,720) u

kkundannat lill-intimat Alexander Mifsud iħallas lir-rikorrent Simon Abela l-imsemmi ammont bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf ippreżentat fid-9 ta' Lulju, 2019, l-attur fisser li nhar it-18 ta' Diċembru 2017 ġewwa n-Naxxar huwa safa' brutalment imsawwat mill-intimat u kawża ta' dan sofra feriti gravi *per durata* u ġarrab kemm danni attwali u kif ukoll futuri. Żied illi skont esperti mediċi huwa, sofra diżabilità permanenti ta' 6% u li anke qiegħed isib diffikultà li jkompli bl-impjieg regolari tiegħu. Fid-dawl ta' dan kollu talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"1. Tiddikjara li l-intimat konvenut huwa responsabbli għad-danni sofferti minn l-attur fl-inċident li seħħ fit-18 ta' Diċembru 2017 fin-Naxxar meta l-attur safa imsawwat brutalment mill-konvenut u b'hekk sofra danni attwali u futuri;*
>
> *2. Tillikwida d-danni hekk sofferti jekk meħtieġ bl-opera ta' periti nominandi;*
>
> *3. Tordna lill-intimat iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati;*
>
> *Bl-ispejjeż, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża, u b'hekk l-intimat minn issa jibqa' nġunt għas-subizzjoni."*

3. Il-konvenut intavola risposta ġuramentata nhar is-6 ta' Settembru 2019 fejn saħaq illi t-talbiet tal-attur hekk kif dedotti huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu

ġialadarba mhuwiex minnu illi huwa responsabbli għall-inċident li seħħ nhar it-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) ġewwa n-Naxxar. Żied illi mhuwiex minnu illi hu sawwat brutalment lill-attur iżda kien il-konvenut li spiċċa msawwat mill-attur. Konsegwentement irrileva illi hu ma jistax jiġi ddikjarat ħati għal dan l-inċident b'dan illi ma hemm ebda danni x'jiġu likwidati. Il-konvenut ippreżenta ukoll kontrotalba *in linea* ta' rikonvenzjoni fejn talab lil din il-Qorti:

> *"1. Tiddikjara illi fit-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) ir-rikorrenti Alexander Mifsud safa midrub f'inċident li seħħ ġewwa n-Naxxar u Tiddikjara illi dan l-inċident seħħ unikament, konsegwenza tal-aġir vjolenti u eċċessiv tal-intimat Simon Abela;*
>
> *2. Tiddikjara illi konsegwenza ta' dan l-inċident u tal-aġir vjolenti u eċċessiv tal-intimat Simon Abela, ir-rikorrenti sofra danni, inkorra diversi spejjeż, u anke qed ibati minn diżabilita permanenti u psikoloġika;*
>
> *3. Tillikwida d-danni hekk sofferti minn l-istess rikorrenti;*
>
> *4. Tordna lill-intimat Simon Abela, sabiex iħallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata. occorendo anke bin-nomina ta' Perit.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet."*

4. B'sentenza mogħtija nhar is-6 ta' Lulju, 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi:

> *"Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat.*
>
> *Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali.*
>
> *Tilqa' t-talbiet rikorrenti kif dedotti, u għalhekk;*
>
> *Tiddikjara li l-intimat Alexander Mifsud huwa responsabbli għall-inċident li seħħ fit-18 ta' Diċembru 2017 fin-Naxxar meta l-attur ġie msawwat mill-intimat.*

*Tillikwida d-danni sofferti minħabba dan l-inċident fl-ammont ta' tnax-il elf, sebgħa mija u għoxrin Euro (€12,720).*

*Tikkundanna lill-intimat Alexander Mifsud iħallas lir-rikorrent Simon Abela l-ammont ta' tnax-il elf, sebgħa mija u għoxrin Euro (€12,720).*

*Imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.*

*L-ispejjeż għall-proċedura odjerna għandhom ikunu kollha a kariku tal-intimat."*

5. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tiddeċiedi kif indikat sopra huma s-segwenti:

*"L-intimat ma ressaq ebda provi, la sabiex jikkontradixxi l-allegazzjonijiet magħmula mir-rikorrent, u wisq anqas biex jissustanzja l-pretensjoni tiegħu għal danni.*

*Jingħad fl-ewwel lok, huwa prinċipju assodat li min jallega jrid jipprova. Infatti, hija regola ġenerali, li l-piż tal-prova huwa fuq min jafferma fatt, onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat (Ara Joseph Zammit vs Joseph Hili, Vol. XXXVII-I-578). Għalkemm, l-intimat, itenni li huwa ġarrab ġrieħi u li sofra debilita` psikoloġika, dan ma ġiex bl-ebda mod korroborat bil-provi. Tant hu hekk, li wara li ġie verbalizzat, li l-intimat xtaq iressaq il-provi tiegħu b'affidavits, huwa naqas li jagħmel dan, u l-intimat stess, naqas li jidher għas-seduta, kif jidher fil-verbal datat 1 ta' Diċembru 2020 (fol 94). Inoltre`, l-fatt, li l-intimat ippreżenta kontro-talba fejn qed jitlob li d-danni jiġu likwidati fil-konfront tiegħu, minħabba allegati ġrieħi u allegata debilita` psikoloġika, ma jfisser xejn kemm-il darba dan ma giex suffiċjentement ippruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti.*

*Jirriżulta, mix-xhieda tal-Ispettur Roderick Spiteri, li kien l-intimat li mar fejn ir-residenza tar-rikorrent, ħabbatlu l-bieb u beda jgħajjatlu. Inoltre`, l-Ispettur Roderick Spiteri ikkonferma hekk:*

> *"Hemm żewġ proċeduri separati. Waħda fuq grievous body harm filkonfront ta' Alexander Mifsud li kkaġunahom fuq Simon Abela, u fil-konfront ta' Simon Abela, li kkaġuna slight injuries, tad-daqqa ta' ponn, għax l-ieħor tah daqqa ta' ponn ġo wiċċu, fil-konfront ta' Simon Abela, fejn il-vittma huwa Alexander Mifsud."*

*Minn din ix-xhieda tal-Ispettur, jidher li kien l-intimat li pprovoka lir-rikorrent qabel seħħ l-inċident. Jirriżulta wkoll, li anke l-akkużi fil-proċeduri kriminali inħarġu bil-mod li jindikaw li min ġarrab grievous body harm kien ir-rikorrent, u mhux l-intimat.*

*Mill-assjem tal-provi, jidher ukoll, li t-teżi tar-rikorrent hija korroborata suffiċjentement, stante li anke kif ikkonfermat Raisa Abela, bint ir-rikorrent, ir-rikorrent ratu mal-art, muġugħ, u kien jidher midrub serjament wara li ġie msawwat. L-Artikolu 1045(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi: "Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha…hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun iġib direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'il quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."*

*Minn din id-disposizzjoni tal-liġi, jirriżulta ċar, li jeħtieġ ness ta' kawża u effett ma' l-att jew ommissjoni u l-effett dirett fuq min qed jirreklama danni sofferti. Ir-rikorrent jirreferi għal dan in-ness bejn il-kawża u effett billi rrefera, anke fil premessi, li qed isofri minn diżabilita` permanenti. Huwa eżebixxa r-rapport ex parte tal-konsulent mediku Mr Jason Zammit fejn iddikjara li r-rikorrent għandu diżabilita` ta' sitta fil-mija (6%).*

*Inoltre`, jirriżulta li fil-mori tal-kawża, il-Qorti appuntat lill-Orthopaedic and Trauma Surgeon, Mr Massimo Abela, sabiex jeżamina lir-rikorrent u jivverifika jekk attwalment sofriex minn diżabilita` permanenti, u jekk iva jistabilixxi kemm. Jirriżulta li fir-rapport tiegħu, l-abbli espert Mr Abela ikkonkluda li Simon Abela qed isofri minn diżabilita` permanenti ta' erbgħa fil-mija (4%) u għamel is-segwenti osservazzjonijiet: "Simon Abela ġarrab ksur ta' waħda mill-għadmiet tal-minkeb tax-xellug wara li allegatament ġie aggredit minn raġel ieħor fit-18/12/2017. Kellu bżonn jiġi operat għall-ksur li kellu, u ftit xhur wara kellu bżonn ta' operazzjoni oħra biex jitneħħa l-ħadid li kien intuża fl-ewwel operazzjoni. Għadu jilmenta minn uġiegħ intermittenti u għandu limitazzjoni żgħira fil-moviment tal-minkeb.*

*Din il-Qorti m'għandha ebda raġuni għaliex ma tistrieħx fuq il-konklużjonijiet tal-abbli espert tagħha, Mr. Massimo Abela, li r-rikorrent sofra diżabilta' permanenti, u għalhekk tikkonkludi li d-diżabilita` permanenti ta' Simon Abela, riżultat tal-inċident li ġara fit-18 ta' Diċembru 2017, huwa ta' erbgħa fil-mija (4%)."*

*Danni*

*Jirriżulta mill-premessi, mit-talbiet u mill-atti tal-każ, li r-rikorrent qed jippretendi kumpens għal danni sofferti, liema danni jridu jiġu likwidati minn din il-Qorti. Jirriżulta, li r-rikorrent mhuwiex jirreklama damnum emergens stante li ma eżebixxa xejn dwar spejjeż, jew prospett ta' spejjeż inkorsi minnu, fil-każ in eżami.*

*Huwa paċifiku li l-likwidazzjoni tad-danni għandha sseħħ fuq żewġ binarji; id-danni attwalment sofferti 'damnum emergens' u dawk id-*

*danni kawża l-inkapaċita` ikkaġunata 'lucrum cessans' kif provdut mill-Artikolu 1045 tal-Kap 16.*

*Għalhekk, din il-Qorti ser tipproċedi bil-komputazzjoni tad-danni lucrum cessans.*

*Lucrum Cessans*

*Jirriżulta, kif intqal fis-sentenza Emmeline Cini vs Antoine Cachia, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2013, il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qliegħ futuri minħabba l-inkapaċita`, it-telf ta' paga jew qliegħ ieħor attwali li sofra lpersuna li sofra t-telf. Tali kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant iżda hija regolata minn ċerti prinċipji, għalkemm mhux assoluti.*

*Omissis.*

*Entita tad-Dħul:*

*Jirriżulta li r-rikorrent, meta seħħ l-inċident, kellu disgħa u erbgħin (49) sena, u kien jaħdem ma' Nylon Knitting bħala Warehouse Manager.*

*Jirriżulta mid-dokumentazzjoni minnu eżebita, li fis-sena 2017 huwa kien*
*jipperċepixxi qliegħ ta' €1,600 net fix-xahar, kif ikkonferma l-istess rikorrent fix-xhieda tiegħu. Jirriżulta mid-dokument FS3, li id-dhul annwali fis-sena 2017 kien ta' €25,250.44.*

*Għaldaqstant, il-Qorti ser tikkonsidra id-dħul ta' Simon Abela fl-ammont ta' €25,250.44 fis-sena.*

*Dwar konsiderazzjonijiet fuq l-għoli tal-ħajja, jirriżulta illi fil-każ Stephen Cardona vs John Mary Fenech deċiża mill-Prim' Awla fid-9 ta' Frar 2012, kien ġie deċiż illi:*

> *"Il-Qorti qed takkorda wkoll żieda ta' €300 fis-sena, ir-relazzjoni mal-awment tal-paga għall-għoli tal-ħajja."*

*Din il-Qorti taqbel li tali ammont ta' €300 fis-sena għandu jitqies ukoll għall-għoli tal-ħajja fil-każ odjern.*

*Multiplier*

*Fil-każ Joseph Zammit vs Joseph Bonello, deċiża mill-Qorti Ċivili Prim' Awla fil-25 ta' Frar 2016, ġew stabbiliti prinċipji li l-Qorti tħoss li għandha tibbaża fuqhom meta tiġi biex tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili bħal tal-każ odjern:*

> *"Illi tali regoli ġew supplementati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-*

*kawża ewlenija 'Michael Butler vs Peter Christopher Heard' (Appell 22.12.1967), li tat l-oriġini għal hekk imsejħa 'multiplier system', li pero` ġiet aġġustata għaż-żminijiet reċenti peress li, kif intqal fil-kawża 'Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et' (Appell 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna inbidlu konsiderevolment u l-ammont li qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.*

*Omissis.*

*Jirriżulta, li fil-każ in eżami, r-rikorrent Simon Abela kellu disgħa u erbgħin (49) sena meta sofra l-inċident, u persuna jieqaf bil-pensjoni ta' wieħed u sittin (61) sena. Għaldaqstant, huwa ġust u verosimili li tnax-il sena (12) huwa perjodu ġust li għandu jkun applikabbli bħala multiplier.*

*Kalkolu finali*

*Ikkunsidrat il-kalkoli u konsiderazzjonijiet kollha kif fuq magħmula, għandu jirriżulta:*

*a. L-introjtu ta' Simon Abela jammonta għal madwar €25,250.44.*

*b. L-għoli tal-ħajja għandu ikun ta' €300 fis-sena.*

*c. Il-multiplier għandu jkun ta' 12 il sena.*

*Jirriżulta għalhekk, illi l-ammont li għandu jkun ikkunsidrat għal lucrum cessans għandu jkun maħdum fuq il-media tal-introjtu tar-rikorrent, ossija €25,250.44 u l-introjtu prevvist biż-żieda tal-għoli tal-ħajja wara tnax-il sena, ossija fl-ammont ta' €28,850.44, liema medja hija ta' (€25,250.44 + €28,850.44 divided by 2 =) €27,050.44.*

*Jirriżulta li l-ammont globali li għandu jiġi kkunsidrat huwa għalhekk €324,605.28 (€27,050.44 x12).*

*Tnaqqis*

*Fil-każ Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 1995, il-Qorti rriteniet: "Fir-rigward tar-riduzzjoni għal lump sum payment il-Qorti….jidhrilha li…ma għandu jsir ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal lump sum payment jekk ma jkunux għaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perjodu allura għandu jsir tnaqqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data."*

*Omissis*

*Ikkunsidrat dan, il-Qorti tosserva illi dwar it-tnaqqis in vista tal-ħlas f'daqqa, il-Qorti tosserva li l-kawża ilha pendenti sentejn minn meta ġiet ippreżentata, ilha erbgħa snin mill-att tal-inċident li seħħ fl-2017, u għalhekk bil-kalkolu ta' tnaqqis ta' 2% għal kull sena li ddum il-kawża oltre` sentejn, it-tnaqqis għalhekk għandu ikun ta' 2% biss.*

*Somma dovuta*

*Ikkunsidrati l-fatti kif fuq diskussi, is-somma kif likwidata bħala lucrum cessans hija: €28,850.44 x 12 (multiplier) = €324,605.28 x 4% dizabilita` stabbilita - €12,984.21 naqqas 2% (lump sum payment ammontanti għal (€259.68) = €12,724.53 (tnax-il elf, sebgħa mija u erbgħa u għoxrin Ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu). – Il-Qorti ser tirrotonda tali ammont għal tnax il-elf, sebgħa mija u għoxrin Ewro €12,720 għal finijiet ta' prattiċita`. Għalhekk, is-somma totali dovuta lir-rikorrent bħala danni hija ta' €12,720."*

6. Permezz tal-appell tiegħu l-konvenut talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi billi:

"*tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut appellant, tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali, u tiċħad it-talbiet kollha tal-attur appellat kif dedotti minnhom fir-rikors promotur u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellat rikonvenzjonat bl-ispejjez taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur appellat; jew alternattivament f'każ li jiġi miċħud l-ewwel aggravju tal-appell tal-esponenti tirriforma is-sentenza appellata billi, filwaqt illi tirrevokaha in kwantu sabet lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident u llikwidat id-danni lill-attur fl-ammont ta' tnax- il elf, sebgħa mija u għoxrin Euro (12,720) u kkundannatu jħallas dan l-ammont lill-attur, tiddeċiedi x'sehem mit-tort għandu jerfa' l-konvenut u għal liema danni jista' jiġi tenut responsabbli u tvarja s-sentenza appellata skond dak li jiġi hekk deċiż u tnaqqas l-ammont ta' danni li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut appellant versu l-attur bl-ispejjez kontra l-attur appellat."*

7. L-appellant ressaq żewġ aggravji: (i) il-konklużjonijiet ta' l-Ewwel Qorti li għall-inċident mertu tal-kawża huwa responsabbli l-konvenut Alexander Mifsud hija skorretta u hemm raġunijiet validi fil-liġi għalfejn din l-Onorabbli Qorti għandha tbiddel il-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti; (ii) subordinatament u mingħajr preġudizzju, f'każ li din il-Qorti ssib li l-konvenut kien b'xi mod responsabbli għall-inċident in kwistjoni, l-attur għandu wkoll ibati parti sostanzjali mit-tort għall-inċident in kwistjoni.

8. L-appellat wieġeb għal dan l-appell fis-17 ta' Awwissu 2021 u saħaq illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti timmerita illi tiġi konfermata.

9. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fit-12 ta' Novembru 2024 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellant jisħaq illi filwaqt illi huwa konxju tal-prinċipju ribadit f'numru ta' sentenzi ta' din il-Qorti illi f'materja ta' apprezzament ta' provi, din il-Qorti bħala qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, jisħaq illi dan huwa permess jekk u meta jkun hemm raġunijiet serji jew tkun ser tiġi kommessa inġustizzja manifestata. B'referenza għar-riżultanzi probatorji, l-appellant isostni illi l-attur ma rrnexxilux jipprova illi l-appellant kien responsabbli għall-inċident in kwistjoni. Żied illi l-Ewwel Qorti injorat ċerti aspetti saljenti tal-provi, u minkejja li x-xhieda prodotta kienet konfliġġenti, għażlet li tagħti kredibbilità lil tali xhieda.

11. Jinsisti illi minkejja l-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti, huwa ma kkawża l-ebda inċident u dan kif ġie spjegat fir-risposta ġuramentata tiegħu u anke fil-kontrotalba. Isostni illi kien l-appellat li ħoloq dan l-inċident u kien propju l-appellat li aggredih. Spjega illi d-daqqiet mogħtija

minnu kienu biss intiżi sabiex jiddefendi ruħu. Żied illi fil-konfront ta' l-appellat inħarġu akkużi kriminali u li kieku l-appellat ma pprovokahx ma kien jinqala' l-ebda inċident.

12. L-appellat da parti tiegħu saħaq illi fil-proċeduri in Prim'Istanza xehdu wkoll l-addetti tal-Pulizija, li kkonfermaw li kienu investigaw il-każ u li kien hemm proċeduri kriminali b'akkużi kontra l-appellant talli kkommetta feriti ta' natura gravi kontra l-appellat u dan fost numru ta' akkużi oħra. Il-Pulizija ikkonfermaw ukoll illi l-appellat ukoll kien akkużat għaliex fil-kors tal-inċident ittanta jiddefendi ruħu u allegatament għamel ferita ta' natura ħafifa lill-appellant. Iżid illi huwa manifest u ovvju li għalhekk kien l-appellant li jaħti għal feriment tal-appellat u anke għal konsegwenzjali danni li sofra l-istess appellat.

13. Żied illi hu ġab il-provi li normalment meħtieġa f'każijiet bħal dawn biex il-Qorti tkun tista' tagħmel il-likwidazzjoni tad-danni. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta kemm fir-rigward tal-element ta' responsabbilità u anke l-konsegwenzjali kalkolu tad-danni sofferti. Afferma illi huwa sorpriż kif l-intimat kellu l-ardir jintavola appell mis-sentenza meta tul il-proċess naqas milli jipparteċipa fil-kawża u mogħti l-opportunità li jressaq il-provi tiegħu baqa' jittratjeni u jonqos milli jxejjen dak li kien ipprova l-appellat.  Huwa għalhekk odjuż li wara li fil-proċeduri in Prim'Istanza wieħed ma jipparteċipax jew jipparteċipa b'mod fjakk

ħafna, imbagħad jintavola appell. L-appellant stieden lil din il-Qorti tissindika jekk dan l-appell huwiex wieħed frivolu u vessatorju.

14. *Ormai* huwa ben stabbilit illi l-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom tul il-mori tal-proċeduri, b’dan illi l-Qorti tkun tista’ tasal għal konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi kollha ammissibbli u li jkunu ġew prodotti mill-partijiet. Ġie ritenut illi meta l-Qorti tkun rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti il-Qorti għandha tagħraf tislet minn dawn il-provi, korraborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra. Fin-nuqqas għandha tiġi applikata l-massima *actore non probante reus absolvitur*. Lill-ġudikant hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu.

15. Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant bħal donnu jinsab żbalordit kif l-Ewwel Qorti straħet fuq il-provi prodotti mill-appellat. Filwaqt illi jagħraf illi mhuwiex il-kompitu ta’ din il-Qorti illi tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul in Prim’Istanza, xorta waħda jittenta li jikseb apprezzament mill-ġdid tal-provi. Jilmenta ukoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti għażlet li tagħti kredibbiltà lit-testimonjanzi in atti u dan a skapitu ta’ dak rilevat minnu fir-risposta ġuramentata u l-kontestwali kontrotalba,

minkejja li *a tratti* t-testimonjanzi kienu konfliġġenti. Jisħaq ukoll illi ċertu aspetti tal-provi prodotti ġew injorati mill-Ewwel Qorti.

16. Il-Qorti eżaminat bir-reqqa r-rikors tal-appell u anke l-atti tal-proċeduri, u minkejja dak rilevat mill-appellant fir-rikors tal-appell u r-referenza kopjuża għall-ġurisprudenza fuq il-materja in eżami, tqis illi meta wieħed jagħsar l-appell tal-appellant, huwa manifestament ċar illi l-appell u l-aggravji huma nieqsa minn kull sustanza. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi huwa mill-aktar inopportun li jitressaq aggravju bħal dak odjern, meta kien propju l-appellant li tul il-proċeduri in Prim'Istanza, minkejja li kellu kull opportunità sabiex iressaq id-difiża tiegħu u l-provi neċessarji sabiex jisostanzja dak rilevat minnu fil-kontrotalba, naqas milli jagħmel dan. Fil-fatt mill-verbali in atti jidher illi minkejja li l-appellant ingaġġa avukat tal-fiduċja tiegħu sabiex jassistih, fl-istadju tal-provi tiegħu huwa naqas milli jattendi u naturalment naqas ukoll milli jressaq provi.

17. *Di piu'*, din il-Qorti tqis ukoll illi fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant lanqas ma pprova jiġġustifika tali nuqqas jew indika b'liema mod il-provi prodotti mill-appellat huma kunfliġġenti u/jew inverosimili. Madankollu, din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha u tqis illi l-Ewwel Qorti kienet korretta fil-konklużjonijiet minnha raġġunti. Din il-Qorti ma riskontrat l-ebda kontradittorjetà fil-provi prodotti anzi tqis illi t-testimonjanzi kienu pjuttost univoċi fir-rakkont tagħhom tal-akkadut. Tqis ukoll illi d-diżabbilità

permanenti sofferta mill-appellat hija prova ulterjuri tal-brutalità li biha kien aggredit l-appellat, fattur li fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti jkompli jxejjen il-verżjoni tal-appellant li l-appellant ipprova biss jiddeffendi lilu nnifsu mill-aggressjoni kommessa mill-appellat fuq il-persuna tiegħu.

18. Fil-fatt kif anke osservat l-Ewwel Qorti, mit-testimonjanza tal-Ispettur Roderick Spiteri jirriżulta illi kien l-appellant li mar fejn ir-residenza tal-appellat, ħabbatlu l-bieb u beda jgħajjatlu minn barra. L-imsemmi Spettur spjega ukoll illi filwaqt li hemm żewġ proċeduri separati fil-konfront tal-partijiet, huwa Alexander Mifsud u ċjoè l-appellant li tressaq għaliex ikkawża "*grevious bodily harm",* filwaqt li l-appellat tressaq biss fuq akkużi li kkaġuna "*slight injuries*" peress li kif ammetta l-appellat stess, huwa ta daqqa ta' ponn lill-appellant. Din il-prova tikkorrobora dak li xehed l-appellat u ċjoè li kien l-appellant li pprovokah qabel seħħ l-inċident. Il-fatt li anke l-akkużi fil-proċeduri kriminali nħarġu bil-mod li jindikaw li min ġarrab *grievous body harm* kien l-appellat u mhux l-appellant, ikompli jikkorrobora ulterjorment il-verosimiljanza tal-verżjoni tal-appellat, provi li effettivament ma ġewx kontradetti minn ebda prova oħra, kompitu li kien jispetta lill-appellant.

19. Għalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti illi r-riżultanzi probatorji jippruvaw sal-grad rikjest mil-liġi fil-kamp ċivili n-ness bejn l-inċident u d-

danni, u li l-appellant kien responsabbli għall-inċident in kwistjoni li fih l-appellat soffra diżabbilità permanenti.

20. Għaldaqstant l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

21. Permezz tat-tieni aggravju, l-appellant mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, isostni illi l-appellat għandu jbati parti mit-tort għall-inċident in kwistjoni u dan għar-raġunijiet indikati fl-ewwel aggravju. Jirribadixxi illi kien l-appellat li beda din il-ġlieda, tant illi nħarġu akkużi kriminali fil-konfront tal-istess appellat. Jispjega illi hu mar biss biex sempliċiment jirranġa s-sitwazzjoni ta' bejnithom bil-kelma t-tajba u kien l-appellat li pprovokah. L-appellant jiċċita l-Artikolu 1051 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u kif din id-dispożizzjoni ssib applikazzjoni għall-każ odjern.

22. Skont l-Artikolu 1051 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex ikun hemm kontributorjetà għall-ħsara, jeħtieġ: (a) li jkun hemm att ta` negliġenza da parti tal-persuna li tkun batiet il-ħsara, b'dan illi jrid ikun hemm konkors ta' ħtijiet: dik tal-konvenut u dik tal-attur; (b) li din in-negliġenza tal-persuna li tkun batiet il-ħsara tkun ikkontribwiet jew tat okkażżjoni għall-ħsara.[1] Għandu jiġi sottolineat ukoll illi l-piż tal-prova tan-negliġenza kontributorja jaqa' fuq il-konvenut, u ċjoè fuq il-persuna li

[1] Ara Bugeja noe v. Borg deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Mejju 1983.

tkun qiegħda tallegaha.

23. Din il-Qorti kif diversament preseduta affermat illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjetà min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjetà fejn il-vittma tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu li tkorri jew li ġġarrab ħsara. Bosta drabi din l-imġieba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima *volenti non fit iniuria*[2]. Huwa mħolli dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti, meta hemm ħtija kontributorja min-naħa tad-danneġġjat, li tistabbilixxi l-proporzjon li fiha hu kkontribwixxa għal, jew ikkaġuna l-ħsara li ġarrab. Kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi tal-każ. Fil-fatt il-liġi ma timponi l-ebda regola fissa jew determinanti li tistipula kemm għandha tkun dik il-proporzjon jew frazzjoni ta' ħtija kontributorja, propju għaliex tali determinazzjoni hija mħollija f'idejn il-Qorti.

24. Fil-fatt ġie ritenut illi: "*In order to establish the defence of contributory negligence, the defendant must prove first, that the plaintiff failed to take 'ordinary care of himself' or, in other words, such care as a reasonable man would take for his own safety, and, secondly, that his*

---

[2] Ara Carmelo Micallef et v. John Pisani et noe deċiża nhar il-5 ta' Ottubru 2001, Martin Costa v. Jonathan Bugeja deċiża mill-Prim'Awla nhar is-27 ta' Jannar 2022, Emanuel Farrugia et v. Mario Magri deċiża minn din il-Qorti nhar l-20 ta' Ġunju 2024; Fleur Debono v. Shanylee Reed deċiża minn din il-Qorti nhar il-15 ta' Novembru 2023.

*failure to take care was a contributory cause of the accident."*[3]

25. Fil-kawża ***Froom v. Butcher***, Lord Denning spjega "*Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty of others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself*."

26. Din il-Qorti filwaqt illi tafferma dan kollu, ma tqisx illi għandha tiddilunga inutilment fuq dan l-aggravju, b'dan illi dan l-aggravju ma jista' qatt isib applikazzjoni fiċ-ċirkostanzi odjerni. Fil-każ odjern l-appellant mhux talli naqas milli jressaq provi li jissostanzjaw tali allegazzjoni ta' negliġenza kontributorja iżda talli ma ressaq l-ebda farka ta' prova. Id-dottrina u l-ġurisprudenza huma ċari; meta wieħed jalludi għal xi forma ta' negliġenza kontributorja da parti tal-parti l-oħra, għandu jkun hu li jġib tali prova. Mhuwiex il-kompitu tal-qrati fis-sistema ġudizzjarja tagħna illi jinvestigaw tali possibbiltà. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed ukoll jiġi respint.

[3] Du Parc, Lord Justice, in re: Lewis v. Denye (1939) 1 K.B. 540 at 554 iċċitat f'Charlesworth & Percy On Negligence (1997) para. 3-12.

27. Il-Qorti rat ukoll illi fir-risposta tiegħu l-appellat stieden lil din il-Qorti tissindika jekk l-appell huwiex wieħed frivolu u vessatorju anke għal finijiet ta' spejjeż. L-Artikolu 223(4) jistipula illi:

> *"(4) Fil-każijiet ta' appelli u ritrattazzjonijiet fiergħa jew vessatorji, il-Qorti tal-Appell jew il-Qorti Kostituzzjonali tista'tikkundanna lill-appellant li jħallas lill-appellat l-ispejjeż għaldarbtejn."*

28. Ġie ritenut illi l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija għall-Qorti fakoltattiva u għalhekk għandha tiġi użata b'ċertu diskrezzjoni. [4] Din il-Qorti damet taħseb għar-rigward, u tqis illi l-appell odjern effettivament, huwa wieħed fieragħ. L-appellant ittenta juża dan l-appell biex jottjeni apprezzament mill-ġdid tal-provi, b'dan illi llmenta minn apprezzament ħazin tal-provi da parti tal-Ewwel Qorti. Din il-Qorti ma tifhimx kif jista' jsir tali aggravju minn parti li in Prim'Istanza ġiet taqa' u tqum mill-istadju tal-provi tagħha. Din il-Qorti bil-wisq taħseb illi dan l-appell ma kien xejn għajr tentattiv ta' dilungar inutli sabiex l-appellant itawwal milli jagħmel tajjeb għal ħsara dovut lill-appellat. Għalhekk u b'applikazzjoni tal-Artikolu 223(4) tal-Kap 12, tordna lill-appellant iħallas spejjeż doppji lill-appellat.

**Deċiżjoni:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi fid-dawl tal-

[4] Ara Farmacista Giuseppe Debono v. Giovanna Debono deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-13 ta' Marzu 1953.

konsiderazzjonijiet magħmula sopra, tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u tikkonferma s-sentenza appellata.

Tordna illi l-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom ukoll ikunu a karigu tal-appellant, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 223(4) tal-Kap 12, tordna lill-appellant iħallas spejjeż doppji lill-appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da